MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 179/2003

**Francesco Fenech Limited**

**Vs**

**Capital Projects Company Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-22 ta' Mejju 2003 it-Tribunal ordna li tissejjah fil-kawza Vella Falzon Capital Projects Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm670.25c) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' materjal mibjugh u supplit lis-socjeta' konvenuta.

Ra illi s-socjeta' konvenuta rrispondiet li, kif mharrka, hija ma tezistix u f'kull kaz, fil-mertu, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirraprezenta fil-parti l-kbira tieghu prezz ta'

cangatura ta’ Travertin li nstab li kien miksur jew iddanniggjat jew mhux ta’ kwalita’ jew qies pattwit.

Ra d-Digriet tat-22 ta’ Mejju 2003 li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza s-socjeta’ Vella Falzon Capital Projects Limited.

Ra r-Risposta ta’ din l-ahhar socjeta’ li eccepiet in-nuqqas t’integrita’ ta’ gudizzju, l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili u, fil-mertu, li l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux dovut stante illi l-parti l-kbira tal-materjal fornit instab li kien iddanniggjat jew mhux ta’ kwalita’ jew qies pattwit.

Ra s-Sentenza Preliminari tat-Tribunal diversament presjedut tal-15 ta’ Lulju 2003 li biha giet michuda l-eccezzjoni premilinari ta’ nuqqas t’integrita’ ta’ gudizzju sollevata mis-socjeta’ msejha fil-kawza.

Ra x-xhieda u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-kumpanija Vella Falzon Capital Projects Limited (VFCP) kienet giet appaltata minn AX Holdings Limited sabiex taghmel xoghlijiet fuq il-fond maghruf bhala Scamps Palace, Vittoriosa u ghal din il-fini kienet xtrat madum ta’ Travertin minghand is-socjeta’ attrici.

Illi l-ftehim bejn is-socjeta’ attrici u VFCP kien wiehed ta’ bejgh – supply and delivery u ftehmu li ghandhom jigu kkonsenjati total ta’ mitejn u ghoxrin metru kwadru (220m2) bir-rata ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull metru kwadru plus VAT. Kellhom jigu kkonsenjati sal-ahhar ta’ Mejju 2001.

M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-entita’ tal-materjal supplit, il-pagamenti akkont li saru u l-bilanc mitlub bhala komputazzjoni. L-kwistjoni m’hijiex wahda ta’ konteggi.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni din is-socjeta' li sollevatha rrinunzjat ghaliha kif jidher min-nota pprezentata fis-26 ta' Frar 2004 u ghalhekk m'hemmx lok li nghata provvediment dwarha. F'kull kaz it-terminu ta' sentejn ma kienx ddekorra u dan apparti l-kwistjoni jekk din il-preskrizzjoni kienetx applikabbli ghall-kaz.

Illi fil-mertu, n-*nodus* f'din il-kawza tirrigwarda l-allegazzjoni ta' VFCP li parti mill-oggetti kkonsenjati ma kienux ta' kwalita' pattwit – cjoe ma kienux ileqqu u b'hekk ma kienux finished kif kellu jkun – u inoltre kien hemm xi materjal li ma kienx maqtugh ta' qies uniformi. L-entita' ta' materjal problematiku huwa kwantifikat f'volum ta' dsatax-il metru kwadru (19m2). Mill-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, hija kkwantifikat pro rata dawn id-dsatax-il metru kwadru (19m2) fl-ammont ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380) u offriet il-bilanc ta' mitejn u disghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm290.26c). Din l-offerta ma gietx accettata mis-socjeta' attrici u b'hekk saret il-kawza. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni partikolari dwar il-komputazzjoni *ut sic* tal-valur pro rata tad-dsatax-il metru kwadru (19m2) li del resto taqbel mal-*flat rate* ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull metru kwadru pattwit bejn il-partijiet

Mill-provi jirrizulta wkoll li VFCP kellha *deadline* strett li tlesi x-xoghol sal-31 t'Awissu 2001, u zammitu. Sabiex izzomm dan id-deadline, ghalkemm il-ftehim mas-socjeta' attrici kien wiehed li jinkludi d-delivery, kien hemm okkazzjonijiet meta l-VFCP kienu jmorru jigbru l-materjal minghand is-socjeta' attrici.

Fil-mument tal-konsenji qatt ma gew registrati lmenti dwar il-materjal supplit/migbur.

Fil-kors tax-xoghol bdew jimmanifestaw problemi fis-sens illi ghall-bidu VFCP indunaw li t-Travertin ma kienx qed ileqq. In segwitu nstab ukoll li partijiet mill-materjal ma kienx maqtugh f'daqs uniformi u dan in-nuqqas ta' uniformita' hareg fi stadju ahhari tal-progett.

Il-klijent (AX) induna b'dawn il-problemi u nsista li parti mix-xoghol isir mill-gdid. Jirrizulta wkoll li ma setghax

jintuza l-materjal supplit mis-socjeta' attrici u VFCP akkwistat materjal minn sorsi ohra u l-progett tlesta.

Jirrizulta wkoll li l-materjal li kien twahhal u tnehha kif ukoll dak il-ftit materjal li m'intuzax li komplessivament jammontaw ghal dsatax-il metru kwadru (19m2) thallew fuq il-post u ma gewx uzati. Ma gewx ikkonsenjati lura lis-socjeta' attrici u da parti taghha ma gabrithomx u presumibilment intremew meta s-sit gie mnaddaf mid-*debris*.

Is-socjeta' attrici ssostni li kienet taf bil-problema li l-irham ma kienx ileqq izda ma kienetx taf bl-ilment dwar in-nuqqas ta' uniformita' fid-daqs. Pero, mix-xhieda ta' Alex Vella, Alex Vella Falzon u David Cassar Torregiani jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet informata biz-zewg ilmenti u anke ntbaghat rapprezentant fuq il-post.

VFCP ghalkemm kienet taf bil-problema ppruvat timminimizzaha vis-à-vis AX billi hija kienet ippressata biz-zmien. Ippruvaw juzaw mezzi biex il-problema tigi camouflaged biex ma tidhirx daqshekk serja u tghaddi minn taht l-iskrutinju tal-klijent. Ghalkemm dwar in-nuqqas ta' polish jidher li b'xi mod irnexxielu jahrabha, ma kellux success bil-problema l-ohra. Meta x-xoghol beda jitqieghed, l-avariji fid-daqs bdew jidhru. Din ma kienetx xi haga li setghet titranga bil-grouting. L-avarija fid-daqs kienet wisq evidenti u f'wiehed mill-project meetings l-AX insistew li parti mix-xoghol isir mill-gdid u jintuza materjal iehor billi l-materjal li kien hemm on site ma kienx tajjeb. Il-VFCP ma kellhiex alternattiva hlief li taderixxi ma' din it-talba u dan anke ghaliex hi stess kienet taf li l-ilment ta' AX kien gustifikat.

It-Tribunal jidhirlu li huwa ta' relevanza l-fatt mhux kontestat li bejn il-VFCP, is-socjeta' attrici, u d-diretturi rispettivi kien hemm certa hbiberija u relazzjoni kummercjali twila. Dan anke jidher mill-korrispondenza esebita.

Fid-dawl tal-premess jirrizulta sodisfacentement ippruvat li parti mill-materjal supplit mis-socjeta' attrici lil VFCP li ma

kienx supplit kif pattwit fis-sens illi parti ma kienx ileqq – ma kellux the final polishing – u materjal iehor li ma kienx maqtugh f'daqsijiet uniformi skond kif ordnat mill-VFCP. Il-materjal li ma kienx tad-daqs kien ta' volum ta' dsatax-il metru kwadru (19m2) li pro rata jgib valur ta' tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380) ghoxrin lira Maltin kull metru kwadru (@ Lm20 per m2).

Dan il-materjal inaccettabli thalla fuq pallets fuq il-post u s-socjeta' VFCP avvzat lis-socjeta' attrici sabiex tigbru ghalkemm is-socjeta' attrici tghid li ma kienetx taf dwar dan kif jidher mill-ittra tas-socjeta' attrici tal-31 t' Awissu 2001 (Dok. DC4 a fol 24 tal-process).

Is-socjeta' VFCP striehet fuq semplici avviz lis-socjeta' attrici, u meta ndunat li dan il-materjal ma ngabarx (kienet taf li qieghed fuq pallets ma' gemb xi crane) ma ndenjatx ruhha biex twasslu lura lis-socjeta' attrici jew tiddepozitah taht l-Awtorita' tal-Qorti.

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza ssemma' s-socjeta' attrici argumentata li galadarba l-kompratur zamm l-oggett u baqa' juzah nonostante li kien jaf bil-problema, huwa ghandu jigi meqjus li qieghed jirrinunzja ghal kull azzjoni naxxenti minn tali lment. Dwar dan it-Tribunal jidhirlu li l-fattispece tal-kaz huma daqxejn differenti. Huwa minnu li l-VFCP kienu jafu bil-problema tal-polish u baqghu jahdmu u huwa veru wkoll li kienu jafu bid-differenza tad-daqsijiet u baqghu jahdmu. Izda jirrizulta pruvat li s-socjeta' VFCP ilmentat mas-socjeta' attrici, wriet li qed tiehu passi sabiex tipprova timminimizza l-problema bl-intenzjoni forsi x-xoghol jghaddi u ghalkemm rnexxielha fir-rigward tal-polish, ma rnexxilhiex fuq il-kwistjoni tal-avarija tad-daqs. Malli sar l-imsemmi project meeting, is-sitwazzjoni kkristallizat ruhha u minn dak il-mument il-VFCP hadet decizjoni u m'ghamlet xejn li b'xi mod jista' jigi nterpretat li rrinunzjat ghall-pozizzjoni taghha fil-konfront tas-socjeta' attrici, tant li warrbet ix-xoghol fil-gemb u talbet lis-socjeta' attrici biex tigbru.

Fit-trattazzjoni taghha s-socjeta' VFCP ghamlet distinzjoni bejn azzjoni (difiza) redibitorja u dik "ex contractu". F'dan

is-sens, tajjeb li wiehed jiccita bran mis-sentenza **Portelli Vs Grima (App 27/5/1957):**

"Ghalkemm l-azzjoni "ex contractu" u l-azzjoni redibitorja ghandhom l-istess fundament razzjonali, l-azzjoni "ex contractu" hija esperibbili biss meta l-haga konsenjata tkun sostanzjalment diversa minn dik kuntrattata, meta l-kwalita' tal-oggett konsenjat tkun diversa minn dik kuntrattata, meta l-kwalita' tal-oggett konsenjat tkun diversa minn dik tal-oggett mibjugh b'mod li ma tkunx tikkorrispondi ghall-generu tal-oggett kuntrattat, u hekk il-konsenja tkun konsenja "aliud pro alio"; mentri bl-azzjoni "ex contractu" l-kompratur jiddefendi ruhu kontra l-ingann fuq il-kwalita' principali jew sustanza konvenzjonali tal-oggett, bl-azzjoni redibitorja huwa jiddefendi ruhu kontra l-ingann fuq il-kwalita' sekondarja tal-oggett, jew kontra l-vizzji li jirrenduh mhux tajjeb ghall-uzu tieghu."

Fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-kwalita' tal-madum konsenjat hija tant diversa li "ma tikkorrispondix mal-generu tal-oggett kuntrattat". L-ilment tal-kompratur fil-kawza odjerna aktar tista' taqa' taht "ingann fuq il-kwalita' sekondarja tal-oggett" u cjoe huwa vizzju li rrenda l-madum mhux tajjeb ghall-uzu rikjest.

Fil-ftehim gie specifikat li l-madum kellu jkun 30cm x 30cm x 2cm. Jekk il-madum ma jkunx ta' kejl indaqs perfett, anke harira differenza li ma tidhirx mad-daqqa t'ghajn, tohrog meta l-madum jitqieghed u l-grouting ta' bejn il-madum ma jigix dritt.  Propju kif jirrizulta li gara fil-kaz odjern

F'materja simili, daqskemm il-venditur huwa obbligat li jissuplixxi l-oggett mibjugh *(traditio)* kif pattwit, daqstant iehor, jekk il-kompratur ma jridx l-oggett, sta ghalih li jirritornah. Meta s-socjeta' VFCP halliet il-materjal fuq il-post hija m'osservatx *ad unguem* l-obbligi legali relattivi. Wiehed pero jrid japprezza li kien hemm *deadline* strett biex jitlesta x-xoghol. Meta l-partijiet ikkuntrattaw, kien miftiehem li x-xoghol jigi konsenjat sal-ahhar ta' Mejju 2001 meta mill-atti jidher li l-ahhar konsenja saret fl-20 ta' Gunju 2001. Certament kien hemm ftit *delay* ukoll

minhabba li parti mix-xoghol kellu jinqala' u jerga' jsir wara li materjal iehor jigi ordnat minn bnadi ohra. L-VFCP kellha *its hands full* u kienet ippressata hafna ghaz-zmien – pressjoni li sa certu punt kienet tahti ghalih is-socjeta' attrici minhabba d-dewmien fil-konsenja u l-materjal mhux konsenjat kif pattwit. Biex jinqala' x-xoghol u jerga' jsir, il-VFCP dahlet fi spejjez addizzjonali u dawn ma gewx addebitati lis-socjeta' attrici izda gew assorbiti minnhom. Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li f'dan ir-rigward ghandhom jipprevalu l-principji ta' ekwita' u jkun hemm temperament fuq il-konsegwenzi tan-nuqqas taghhom li jikkonsenjaw lura x-xoghol li ma riedux. Huwa stabbilit li "nel conflitto tra il rigore di gustizia e l'ekwita' si deve propendere per l'ekwita'" **(Vol X pagna 324 kwotata b'approvazzjoni fil-kawza A D Ventures Limited Vs Arcidiacono Imports Co Ltd – App Inf (PS) 20/10/2003).**

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ilment tal-VFCP huwa gustifikat fir-rigward tad-dsatax-il metru kwadru (19m2) billi jirrizulta li dawn l-oggetti ma kienux konsenjati skond kif pattwit. Min-naha l-ohra dan il-materjal hazin ma giex ritornat lis-socjeta' attrici li, kieku gie ritornat kienet issib x'taghmel bih. It-Tribunal, fuq bazi *ex aequo et viri* jidhirlu li, kieku dan il-materjal kien ritornat, is-socjeta attrici' setghet issib xi valur kummercjali u ghalhekk jidhirlu li din id-differenza ghandha tigi apporzjonata billi s-socjeta' attrici ssofri 1/3: mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm127) u l-VFCP issofri 2/3: mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm253) tal-valur tal-imsemmija dsatax-il metru kwadru (19m2).

Konsegwentement it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi akkolta in parte billi minnha ghandu jitnaqqas l-ammont ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm127).

Jidher car mill-atti li l-vertenza tirrigwarda s-socjeta' msejha fil-kawza u li l-kumpanija konvenuta Capital Projects Company Limited ma tezistix u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jillibera lis-socjeta' konvenuta Capital Projects

Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok jilqa' t-talba attrici limitament u b'hekk jikkundanna s-socjeta' msejha fil-kawza Vella Falzon Capital Projects Limited sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm543.25c) bl-interessi mill-20 ta' Gunju 2001 (data tal-ahhar konsenja liema imghax japplika minnufih stante li si tratta ta' debitu kummercjali). Kwantu ghall-kap tal-ispejjez, fir-rigward ta' dawk tas-socjeta' attrici u dawk tas-socjeta' msejha fil-kawza, dawn jigu apporzjonati bejniethom skond ir-rebh u t-telf relattiv mentri dawk tal-kumpanija konvenuta Capital Projects Company Limited jithallsu minnha stess stante li jidher li s-socjeta' attrici giet indotta fl-izball fl-isem hazin billi ntuzaw letterheads b'dik in-nomenklatura meta gie kkuntrattat il-ftehim (Dok. D1 a fol 21 tal-process).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------